CONFERENTIA
EPISCOPALIS
MELITENSIS

# DIGRIET

**I.** Wara perjodu ta' tliet xhur li matulu nstemgħu l-esperjenzi, l-opinjonijiet u l-konvinzjonijiet ta' firxa wiesgħa ta' xhieda u ta' esperti; u sussegwentement wara fażi ta' talb, dixxerniment personali u ekkleżjali, riflessjoni u konsultazzjoni, aħna, l-Isqfijiet, membri tal-Konferenza Episkopali Maltija, mill-ġdid nistqarru li, filwaqt li nagħrfu r-responsabiltà tagħna li nħarsu l-fidi tal-Knisja, kif ukoll id-dmir li nħarsu l-fidili Nsara, niddekretaw li:

***L-Arċidjoċesi ta' Malta u d-Djoċesi ta' Għawdex jiddisassoċċjaw ruħhom mill-Komunità Ġesù Salvatur. Is-saċerdoti u r-reliġjużi m'għandhomx jieħdu sehem f'laqgħat organizzati minn din il-Komunità. Laqgħat bħal dawn ma jistgħux isiru fi knejjes jew kappelli jew kwalunkwe proprjetà li tappartjeni lill-Arċidjoċesi ta' Malta, lid-Djoċesi ta' Għawdex, lill-ordnijiet reliġjużi u assoċjazzjonijiet ekkleżjali tal-lajċi. Il-lajċi m'għandhomx jattendu l-attivitajiet organizzati mill-Komunità Ġesù Salvatur.***

Din id-deċiżjoni ttieħdet għal dawn ir-raġunijiet:

**II.** *L-ewwel nett*, interpretazzjoni fundamentalista tal-Iskrittura fit-taħditiet u l-laqgħat tal-Komunità Ġesù Salvatur tixhed għarfien litterali ħafna tal-Kelma ta' Alla. Il-fundamentaliżmu ġeneralment iħaddan perspettivi ristrettivi ħafna. Qari mhux kritiku ta' ċerti siltiet tal-Bibbja jwassal biex wieħed isaħħaħ ideat u atteġġjamenti li huma mlibbsa bi preġudizzji li jmorru kontra l-kelma tal-Evanġelju.

Il-Komunità tagħti biss ftit jew xejn importanza lit-Tradizzjoni tal-Knisja u l-Maġisteru tagħha. Dokument ippubblikat mill-Kummissjoni Pontifiċja Biblika fl-1993, *L-Interpretazzjoni tal-Bibbja fil-Knisja*, ifakkar lill-Kattoliċi li "atteġġjament fundamentalista huwa perikoluż, għax jiġbed lil dawk li jfittxu tweġibiet lesti fil-Bibbja għall-problemi tal-ħajja. Atteġġjament bħal dan jista' jinganna lil dawn in-nies għax joffrilhom interpretazzjonijiet pjetużi li, però, huma illużorji, minflok ma jgħidilhom li l-Bibbja mhux bilfors fiha tweġiba lesta għal kull problema. Mingħajr ma joqgħod jgħid dan kollu, il-fundamentaliżmu tabilħaqq jistieden lin-nies għal forma ta' suwiċidju intellettwali. Huwa jimla l-ħajja b'ċertezza falza, għax – bla ma jrid – ifixkel il-qalba divina tal-messaġġ bibliku ma' dak kollu li fil-fatt huma l-limitazzjonijiet umani tagħha".[1]

[1] Kummissjoni Pontifiċja Biblika, *L-Interpretazzjoni tal-Bibbja fil-Knisja*, 23 ta' April 1993, www.catholic-resources.org/ChurchDocs/PBC_Interp-FullText.htm, par. I, F

**Maltese Episcopal Conference,** Archbishop's Curia, St Calcedonius Square, Floriana FRN 1535, Malta **Phone** + 356 2590 6135 **Email** info@episcopalconference.org.mt

***It-tieni nett***, il-Komunità Ġesù Salvatur għandha tendenzi Neo-Njostiċi u Neo-Pelaġjani. Dawn il-forom ta' ħsieb huma mfissra tajjeb fl-Ittra *Placuit Deo*[2] u fl-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Franġisku, *Gaudete et exsultate*[3]. F'din tal-aħħar, huwa jwissi lill-Insara dwar il-perikli tal-Injostiċiżmu ta' żminijietna. Huwa jistqarr li "l-Injostiċi jemmnu li bl-ispjegi tagħhom jistgħu jagħmlu li tinftiehem perfettament il-fidi kollha u l-Evanġelju kollu. Jassolutizzaw it-teoriji tagħhom u jobbligaw lill-oħrajn joqogħdu għar-raġunamenti tagħhom" (*GE* nru 39). Ġie osservat li ċerti aspetti tal-fidi Nisranija huma tabilħaqq assolutizzati mill-Komunità Ġesù Salvatur, filwaqt li jġiegħlu l-membri u persuni oħra biex iħaddnu, ngħidu aħna, għarfien żbaljat tat-tbatija redentiva, interpretazzjoni mhux eżatta ta' siltiet mill-Iskrittura, atteġġjament mgħawweġ fil-konfront ta' persuni li għaddejjin minn sitwazzjonijiet differenti li joffru sfida fil-ħajja, u x-xandir ta' "vanġelu ta' prosperità".

Il-Komunità Ġesù Salvatur turi wkoll tendenzi Neo-Pelaġjani: "Għalkemm jitkellmu fuq il-grazzja ta' Alla b'diskorsi taz-zokkor," il-mexxejja u persuni oħra li għandhom xi forma ta' awtorità, kif ukoll xi wħud mill-membri l-oħra, "jafdaw biss fis-saħħa tagħhom infushom u jħossuhom fuq l-oħrajn, jew għax josservaw ċerti normi preċiżi, jew għax huma fidili b'mod intransiġenti lejn ċertu stil Kattoliku" (*GE* nru 49).

Fid-dawl ta' dawn iż-żewġ tendenzi, għalkemm it-taħditiet li jsiru waqt il-laqgħat tal-Komunità Ġesù Salvatur u waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tar-*Rhema*, jidhru pjetużi, edifikanti u jinkoraġġixxu biex dawk preżenti jgħixu ħajja Nisranija impenjata u juru qawwa morali u spiritwali biex jirkupraw wara żmien iebes, il-kontenut spiss huwa dottrinalment żbaljat u mħawwad, jekk mhux ukoll stramb. Il-Komunità tħaddan ekkleżjoloġija mgħawġa, u għaldaqstant, teoloġija żbaljata tal-fidwa: distinzjoni netta tal-magħżulin *kontra* l-mitlufin; dawk li jemmnu *kontra* dawk li ma jemmnux; dawk li "jġibu ruħhom b'kalma" u jobdu l-ordnijiet tal-Komunità (ordnijiet li jitqiesu li huma ta' oriġni "divina") *kontra* dawk li ma jagħmlux hekk (u għalhekk huma akkużati li huma "pposseduti").

***It-tielet nett***, il-Komunità turi għarfien mhux f'postu tar-relazzjoni bejn doni ġerarkiċi u doni karižmatiċi. L-Ittra tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi *Iuvenescit Ecclesia* dwar ir-relazzjoni bejn doni ġerarkiċi u doni karizmatiċi fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja[4] tagħti lista ta' kriterji għad-dixxerniment tad-doni karizmatiċi. Sabiex nagħrfu n-natura awtentikament ekkleżjali ta' dawn id-doni, għandna nħaddnu l-fidi Kattolika kollha kemm hi u nkunu f'għaqda sħiħa mal-Papa u mal-Isqof tal-post.

***Ir-raba' nett***, każi ta' allegat abbuż psikoloġiku u spiritwali għarrqu l-attività tal-Komunità Ġesù Salvatur. Kien x'kien il-ġid spiritwali li seta' ħareġ mill-Komunità tul is-snin, dan qatt ma jista' jiġġustifika l-abbuż psikoloġiku u spiritwali li allegatament seħħ. Il-mexxejja u, xi drabi l-interċessuri, allegatament qalu ħaġa tajba fil-waqt it-tajjeb biex jgħattu l-abbuż tagħhom. Sfortunatament, dan huwa każ ta' sfruttament ta' persuni vulnerabbli li spiss ikunu qed ifittxu sens ta' appartenenza u konsolazzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Komunità Ġesù Salvatur turi l-karatteristiċi soċjoloġiċi ta' komunità kultwali magħluqa li qed tikkaġuna ħsara bla qies lil ħafna mill-membri tagħha, li bosta minnhom sfortunatament lanqas huma konxji ta' dan.

---

[2] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, *Placuit Deo*, 22 ta' Frar 2018, www.vatican.va/roman_curia/congregations/cfaith/documents/rc_con_cfaith_doc_20180222_placuit-deo_en.html

[3] Papa Franġisku, *Gaudete et exsultate*, 19 ta' Marzu 2018, knisja.mt/gaudete-et-exsultate-mt

[4] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, *Iuvenescit Ecclesia, 15 ta' Mejju 2016*, www.vatican.va/roman_curia/congregations/cfaith/documents/rc_con_cfaith_doc_20160516_iuvenescit-ecclesia_en.html

**III.** Il-Ħolqien ta' Support Team

Meta nqisu dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar il-Komunità Ġesù Salvatur, u sabiex il-Knisja ġġib ruħha bħala omm li timxi ma' wliedha f'dak kollu li jgħaddu minnu, id-djoċesijiet ta' Malta u ta' Għawdex qed jieħdu l-inizjattiva li joffru servizz ta' sapport lil dawk li ġarrbu esperjenzi ta' wġigħ, jew dawk li fiż-żmien li ġej, jirrealizzaw dak li għaddew minnu minħabba l-kuntatti mal-Komunità, u jitolbu l-għajnuna.

Qed titnieda *helpline* kunfidenzjali fil-Kurja tal-Arċisqof, fil-Furjana (tel. 25906510, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju, jew permezz ta' imejl f'dan l-indirizz support@maltadiocese.org) għal dawk kollha li fil-kuntest tal-esperjenza jew esperjenzi tagħhom fil-Komunità u/jew mal-Komunità qed jitolbu s-sapport imsemmi li qed jingħata, mingħajr ħlas, minn professjonisti kompetenti.

Mogħti nhar it-3 ta' Jannar 2021,
Solennità tal-Epifanija tal-Mulej,
fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana,
Sede tal-Konferenza Episkopali Maltija

✠ Charles Jude Scicluna
President,
Konferenza Episkopali Maltija

✠ Anton Teuma
Isqof t'Għawdex

✠ Joseph Galea-Curmi
Isqof Awżiljarju

Fr Jimmy Bonnici
Segretarju Ġenerali
Konferenza Episkopali Maltija

CONFERENTIA EPISCOPALIS MELITENSIS